MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 368/1997/1

**Martin Bonello Cole, Joseph Gauci, Mark Bugeja, Austin Demajo u Joseph Pullicino, u ghal kull interess li jista jkollhom, Carmen mart Joseph Gauci, Stephanie mart Mark Bugeja, u Carmen mart Joseph Pullicino, lkoll f'isimhom propjru u fl-isem u fl-interess tad-ditta Grant Thornton**

**Vs**

**Tarcisio Galea Construction Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lid-ditta attrici s-somma ta' mija, sitta u tmenin liri Maltin u tletin centezmu (Lm186.30) rappresentanti spejjes, drittijiet professjonali u VAT ghal

servizzi rezi fuq inkarigu tal-konvenut, u dan skond statement anness u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjes kollha inkluz il-VAT, kif ukoll dawk ta' l-ittra interpellatorja li ggib id-data tas-6 ta' Mejju 1996, ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-18 ta' Gunju 1996, tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju ppresentat ma din il-kawza li jgib in-numru 349/97 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra s-socjeta konvenuta, li d-diretturi taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-istess Dok A anness mal-avviz (Fol 2 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 7 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont mhu dovut mill-konvenut peress illi fit-28 ta' April, 1995 huwa hallas lill attur noe l-ammont dovut lilu kif jirrisulta mill-annessi dokumenti markati Dok TG1, TG2 u TG3. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess nota markata Dok TG1, TG2 u TG3.

Rat dak verbalizzat a fol 16 tal-atti.

Rat id-digriet a fol 25 ibid tal-atti.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-atturi ossija d-'ditta attrici' ipproduciet xhud wiehed ossija Joseph Gauci (fol 34 et seq ibid) wiehed mill-atturi stess li esebixxa, ukoll, id-dokumenti minn fol 37 sa fol 39 tal-istess atti. Dan spjega li l-istess ditta ta' accountants kienet rrendiet diversi servizzi fuq inkarigu tas-socjeta

konvenuta, liema servizzi huma spjegati b'mod dettaljat fix-xhieda moghtija minnu.  Dawn fil-qasir kienu tlett servizzi differenti li kienu jirreferu (a) ghall-akkwist ta' ditta bl-isem ta' 'Vince Galea Travel' ossija 'Vince Galea Travel Limited', f'liema negozju l-istess atturi kienu involuti fih bhala medjaturi u f'dan il-kaz kien hemm dovut Lm550, li effettivament thallsu (b) l-ottjeniment ta' facilitajiet bankarji vis-à-vis il-Lukanda Ramla Bay fejn l-ammont dovut kien jammonta ghal Lm3000.00,0 izda fejn, filfatt, kien intbaghat kont b'ammont anqas ta' Lm2000.00,0 (ara fol 38 ibid) (c) zieda fil-kaptial tas-socjeta konvenuta, u li ghaliha hemm referenza fid-dokument markat Dok TG 2 a fol 9 tal-atti.  Dwar dan l-ahhar dokumenti ix-xhud spjega li l-ammont hemm indikat kien, filfatt zbaljat peress li dan kellu jkun Lm186.30 in vista li, erroneament kien thalla barra l-ammont dovut bhala taxxa fuq il-valur mizjud (dwar dan il-punt ara d-dokument a fol 39 tal-atti).  Dan tal-ahhar ma kienx gie mhallas, kif spjega l-istess xhud a fol 35 u fol 36 ibid waqt li ghamel referenza ghal-fotokopji ta' 'cheques' esebiti a fol 10 tal-atti u dwar kif kienu gew allokati l-pagamenti li, effettivament, kienu saru u dan a basi tal-'…ordni kronologiku skond is-servizzi rezi'. (ara dwar dan id-digriet hawn fuq imsemmi u li  jinsab a fol 25 ta' dawn l-atti).

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' konvenuta pproduciet, oltre d-dokumenti a fol 43 sa fol 45 ibid, lil Edmond Bartolo (fol 41 u fol 47 ibid), l-'accountant' tas-socjeta konvenuta.  Dan rrefera ghall-fattura a fol 8 tal-atti waqt li esebixxa kopja ohra tal-istess a fol 43 u sostna illi l-istess fattura ammontanti ghal Lm162.00 kienet thallset, kollha kemm hi permezz ta' "cheque" globali ta' Lm1462.00,0.  Difatti a fol 10 tinsab fotokopja ta' dan ic-cheque bin-numru 000241 u mahrug fit-28 ta' April 1995 u debitament imsarraf.  Jigi notat ukoll, fuq l-istess fattura illi l-figrua finali ma kienetx tinkludi ammont ta' Lm24.30,0 dovut bhala 'Vat at 15%'.  Dwar l-istess pagament sbaljat, ix-xhud sostna illi l-atturi, aktarx, kienu akkreditaw l-istess somma mhallsa "in rigward xoghol iehor li sar" mill-istess atturi in konnessjoni ma kumpanija ohra bl-isem "ta TG Hotels Operators Limited".

Ikkunsidrat

Illi biex tasal ghall-konkluzzjoni taghha il-Qorti kkonsiderat illi, trattasi ta' eccezzjoni ta' pagament, l-oneru tal-prova dwar dan il-punt, kien fuq l-istess socjeta konvenuta li allegatu.

Illi, mill-analisi tal-provi prodotti u fl-assjiem taghhom, jidher illi effetivament l-ammont mitlub fl-avviz kien jirreferi ghall-fattura esebita in atti a fol 8, 9 u 44 tal-atti, liema ammont effettivament kien thallas billi kien formanti parti mill-ammont specifikat fl-imsemmi 'cheque' numru 000241. Ghalhekk il-Qorti hi sodisfatta illi l-ammont ta' Lm162.30 effettivament thallas. Pero jidher ukoll illi, erroneament, fil-figura finali, kif di gja spjegat, ma kienx gie inklus l-ammont ta' Lm24 dovut bhala taxxa fuq il-valur mizjud.

Illi ghalhekk it-talba in esami tista' tigi akkolta biss, limitatament ghas-somma ta' Lm24.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' '*in parte*' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm24 bl-imghax legali mit-18 ta' Gunju 1996 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes kollha, dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partjiet. B'riserva 'si et quatenus' ghal kull dritt spettanti lill-attur in rigward ammonti ohra li jistghu jkunu dovuti mis-socjeta konvenuta jew minn xi socjeta ohra lill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------